MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 17/2005

**Avviz numru 17/05DM**

**Oreste Azzopardi ID 36667(M)**

**Vs**

**Raymond Debono (326156 M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut, sabiex ihallas is-somma bilancjali ta' elfejn, tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm2,350) rappresentanti self 'brevi manu' misluf mill-attur lill-konvenut, u dan skond l-anness ftehim bejn il-partijiet iddatat l-erba' (4) ta' Marzu, 2004, liema dokument gie anness ma' l-Avviz bhala dokument 'A'.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mis-16 ta' Dicembru, 2004.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici;

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat l-affidavit ta’ l-attur Oreste Azzopardi pprezentat f’dawn l-atti fl-14 ta’ Frar, 2005, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant qieghda tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma mitluba ta’ elfejn, tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm2,350) bl-imghaxijiet legali b’effett mis-16 ta’ Dicembru, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------